**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 25 ta' Frar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 185 / 13RGM

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B[1] li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi f1-10 ta' Dicembru, 2008 l-esponent ipprezenta kawza sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni legali bejnu u bejn l-intimata in bazi ghall-adulterju kommess minnha, u sabiex ikun deciz illi hija ddekadiet mid-dritt taghha li tezigi l-manteniment minghand l-istess esponent. Din il-kawza hija attwalment pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), cioe' ir-Rikors Mahluf bin-numru 471/2008 RGM.

2. Illi fit-2 ta' Marzu, 2012 l-intimata pprezentat talba sabiex tigi divorzjata mill-esponent, u permezz ta' Digriet bin-numru 145/12 moghti fit-22 ta' Ottubru, 2012 din l-Onorabbli Qorti ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

---
1 Fol. 1

3. Illi l-artikolu 66F tal-Kodici Civili (Kap. 16) jispecifika li 'kull parti, meta taghmel talba ghad-divorzju, ghandha tiddikjara bil-gurament taghha jekk il-parti jew il-parti l-ohra jkunu diga' ghamlu talba ghas-separazzjoni' (l-artikolu 66F (4)). Tali obbligu gie hekk impost ghaliex fil-kaz illi wara li tkun saret talba ghas-separazzjoni ssir talba ghad-divorzju, u t-talbiet ghas-separazzjoni u ghad-divorzju, f'kull kaz, ghandhom jinstemghu u jigu decizi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawzi ghandha tigi applikata mill-qorti minghajr htiega li ssir ebda talba mill-partijiet' (artikolu 66 F (3), Kap. 16).

4. Illi kif jidher ukoll mill-atti tat-talba ghad-divorzju illi kienet saret mill-intimata kif fuq jinghad, ghalkemm it-talba maghmula mill-esponent ghas-separazzjoni ipprecediet it-talba ta' l-intimata ghad-divorzju, ma gie osservat xejn mill-procedura stabbilita fil-ligi b'mod imprexxindibbli skont id-disposizzjonijiet li gew citati.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunjiet premessi:

(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-Digriet ta' divorzju bejn il-partijiet moghti kif inghad fit-22 ta' Ottubru, 2012 gie miksub mill-intimata bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-ligi espressi fis-subartikoli 3 u 4 ta' l-artikolu 66 F tal-Kodici Civili (Kap.16), u konsegwentement.

(ii) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-Digriet ta' divorzju hawn fuq riferenzjat ma jista' jkollu, u ma ghandu, l-ebda effett skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D B[2] li permezz taghha eccepiet u ssottomettiet is-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti ratione materiae ghaliex l-azzjoni odjerna ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tar-regolament 4(a) sa (e) tal-iSkeda tal-Avviz Legali 9 tas-sena 2004.

2. Illi in linea preliminari wkoll u sussidjarjament, it-talba attrici hi rritwalment proposta u l-azzjoni hija ghalhekk nulla stante li l-attur ma adoperax ir-rimedji lilu riservati mill-ligi sabiex jimpunja u/jew jannulla l-pronunzjament tad-divorzju in kwistjoni.

3. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju t-talba attrici hija fi kwalsiasi kaz infondata u nsostenibbli ghaliex:

[2] Fol. 14

(a) L-istess attur odjern, intimat fil-proceduri tad-divorzju, kien hu stess aderixxa u qabel li l-kundizzjonijiet necessarji ghall-otteniment tad-divorzju kienu sodisfatti u li l-Qorti setghet tghaddi biex tippronunzja d-divorzju.

(b) L-artikolu 66F tal-Kodici Civili ma kienx applikabbli ghal proceduri tad-divorzju stante li l-partijiet kienu gja separati legalment sa mis-sena 2000 u ghalhekk dawk il-proceduri kienu bbazati fuq l-artikolu 66B u l-unika difiza kontra l-pronunzjament tad-divorzju seta jsir biss a bazi ta' dak kontemplat fis-subparagrafu (2) tal-artikolu 66D tal-istess Kodici.

DIKJARAZZJONI

Il-konvenuta tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:

1. Illi l-esponenti ssostni li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tittratta din il-kawza ghaliex dak li qed jitlob l-attur mhuwiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti skont l-Avviz Legali 9 tas-sena 2004 izda tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

2. Illi l-attur ma jistax jipproponi l-kawza odjerna ghaliex il-pronunzjament tad-divorzju ghadda in gudikat u l-attur semmai kellu biss ir-rimedju tal-appell u r-rittrattazzjoni.

3. Illi bla pregudizzju u fil-meritu, l-attur lanqas jista’ jitlob in-nullita tal-pronunzjament tad-divorzju meta hu stess f’dawk il-proceduri kien fir-risposta tieghu qabel espressament li l-kundizzjonijiet mehtiega "ghall-ksib tad-divorzju huma sodisfatti kif imfisser fir-rikors promotur" u kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex il-Qorti tghaddi ghal pronunzjament tad-divorzju. Ghal konferma ta' dan l-esponenti titlob li jigu allegati l-atti kollha tal-proceduri tad-divorzju in kwisjtoni.

4. Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, l-artikolu 66F citat mill-attur ma kienx applikabbli ghal dawk il-proceduri ghaliex il-partijiet kienu gja separati legalment ghal iktar minn erba' snin u ghalhekk il-procedura applikabbli ghal kaz lill-attur odjern (intimat f’dawk il-proceduri) kienet biss dik mahsuba fis-subparagrafu (2) tal-Artikolu 66D tal-Kodici Civili - eccezzjonijiet li fil-fatt huwa qatt ma qajjem, anzi l-kuntrarju. Fir-rigward tal-kawza pendenti bejn il-partijiet tramite ir-Rikors Guramentat Nru. 471108 RGM, din bl-ebda mod ma tinfluwixxi fuq il-fatt li l-partijiet huma gja separati legalment skont il-kuntratt tal-15 ta' Dicembru 2000 jew tattakka l-validita’ ta' dak il-kuntratt izda hija biss talba ghal pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni fuq kawzali ohra minn dawk imsemmija f'dak il-kuntratt, kawzali li l-attur jallega li avverat ruhha wara l-iffirmar tal-kuntratt.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fit-8 ta' Frar 2016.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta.

Ikkunsidrat:

**Fatti Rilevanti**.

Minn ezami tal-process tal-kawza nru 145/12AL jirrizulta illi fit-3 ta’ Ottubru 2012 il-konvenut f’dik il-kawza, l-attur fil-kawza odjerna, ipprezenta risposta ghar-rikors promotur li taqra kif gej:-

“Illi l-kondizzjonijiet mehtiega skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet” ghall-ksib tad-divorzju huma sodisfatti kif imfisser fir-rikors promotur”.

Fis-seduta li nzammet quddiem il-Qorti fis-17 ta’ Ottubru 2012 dehru z-zewg partijiet assistiti u xhedu quddiem il-Qorti. Il-verbal jaghlaq b’dan il-mod: “Il-kawza tibqa’ diffeD ghat-22 ta’ Ottubru 2012 fid-9.15am ghas-sentenza.”

Is-sentenza inghatat fit-22 ta’ Ottubru 2012 filwaqt li A B ipprezenta r-rikors guramentat mertu tal-kawza odjerna fl-10 ta’ Settembru 2013 fejn qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li d-decizzjoni tat-22 ta’ Ottubru 2012 kienet digriet miksub bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66F (3) u (4) tal-Kap. 16.

**It-Tieni Eccezzjoni Preliminari** -

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta tecepixxi illi t-talba attrici hija irD u nulla stante li l-attur ma adoperax ir-rimedji rizervati lilu mill-ligi sabiex jimpunja l-pronunzjament tad-divorzju, liema pronunzjament ghadda issa in gudikat.

Il-konvenuta tikkontendi illi l-proceduri odjerni ma humiex dawk idoneji fic-cirkostanzi, u dan ghaliex galadarba d-decizjoni dwar id-divorzju bejn il-partijiet saret definittiva, l-unika mezzi illi kellu l-attur sabiex jimpunja tali decizjoni huma l-appell jew il-procedura ta' ritrattazzjoni.

L-attur jirribatti illi d-decizjoni ta' divorzju de quo kienet tikkostitwixxi digriet li ma jistax jitqies appellabbli.

Huwa evidenti li l-partijiet ma humiex jaqblu dwar in-natura tal-pronunzjament ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghti fit-22 ta' Ottubru 2012 fl-atti tal-procediment bin-numru 145/12AL fl-ismijiet inversi, il-process ta' liema gie allegat mal-proceduri odjerni b'digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Gunju 2013.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Artikolu 66A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub iddivorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.

(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieg tagħhom għandu jiġi maħlul.

(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall- ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.

(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku."

Ikkonsidrat;

Mal-introduzzjoni tad-divorzju f'pajjizna il-proceduri li permezz taghhom konjugi separat jitlob il-hall taz-zwieg civili huma tnejn, jew ir-rikors prezentat minn konjugi kontra l-konjugi l-iehor jew l-ohra, jew inkella bil-mezz tar-rikors kongunt fejn iz-zewg konjugi, flimkien, jitolbu d-divorzju. La wiehed u lanqas l-iehor miz-zewg rikors imsemmija ma hu 'r-rikors guramentat' (maghruf bhala "c-citazzjoni"). L-interpretazzjoni ta' din il-Qorti fir-rigward tal-artikolu appena citat hi fis-sens illi rikors ghad-divorzju istitwit minn wiehed jew wahda mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor jew l-ohra jwassal ghal sentenza u rikors kongunt iwassal ghal digriet. Huwa moghti lil kull min jigi istitwit kontra tieghu jew taghha rikors ghad-divorzju li jressaq kontestazzjoni u jissolleva eccezzjonijiet fil-parametri tal-ligi li tirregola d-divorzju. F'tali cirkostanzi l-Qorti tista' tilqa' l-eccezzjonijiet u tichad it-talba ghad-divorzju jew inkella tista' tirrespingi l-

eccezzjonijiet u tippronunzja d-divorzju. Dan isir bl-ghoti ta' sentenza. Hija l-fehma tal-Qorti illi anke f'kaz fejn il-konvenut f'rikors ghal divorzju jipprezenta nota' li permezz taghha ma jopponiex ghat-talbiet attrici, bhal ma gara fil-kawza nru 145/12AL l-ghoti tad-decizzjoni hija fil-forma ta' sentenza.

Stabbilit li d-decizjoni li permezz taghha l-Qorti ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet hija sentenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, isegwi illi l-uniku mezz illi l-attur kellu ghad-disposizzjoni tieghu sabiex jimpunja tali sentenza kien l-appell; jew f'kazijiet eccezzjonali r-ritrattazzjoni.

Huwa evidenti *ictu oculi* illi r-rikors promotur fil-proceduri odjerni ma hux talba ghal ritrattazzjoni ta' sentenza Fil-fehma tal-Qorti l-att promotur fil-kawza odjerna ma hux kontemplat fis-sistema legali taghna u ghalhekk improponibbli. Dan ghaliex, ghal kuntrarju ta' dak li jissottometti l-attur, id-decizjoni li qed jittanta jattakka hija sentenza li ghaddiet in gudikat.

In tema legali l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla moghtija fit-12 ta' April 2012, fl-ismijiet **A Mifsud u David Mifsud vs Bank of Valletta plc** (Rik Gur 499/11AE), fejn gew enunzjati s-segwenti principji li huma applikabbli ghall-kaz odjern:

*"It-tellief f'kawza ghandu r-rimedji ta' appell u ritrattazzjoni fil-kazijiet kontemplati mill-Artikolu 811 tal-Kap. 12. Dawn huma l-mezzi li toffri l-ligi biex twarrab l-effetti ta' sentenza li tkun inghatat minn din il-qorti. Jista' wkoll ikollu xi rimedju iehor taht il-Kostituzzjoni u/jew Konvenzjoni Ewropea fl-eventwalita per ezempju li jkun hemm xi ksur ghall-jedd ta' smiegh xieraq. Mit-talbiet fir-rikors guramentat hu altru milli evidenti li dan m'huwiex kaz ta' ritrattazzjoni, lanqas xi kawza li qeghda ssir qabel proceduri ta' ritrattazzjoni."*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili li ghaliha saret referenza waqt it-trattazzjoni orali tal-avukati tal-partijeit, fl-ismijiet **Joanna Ganado vs Edward DeGaetano** (Rik Gur Nru: 299/15LM)[3] deciza fl-10 ta' Novembru 2015, fejn il-Qorti rribadiet:

*'Huwa xieraq li fil-kuntest tal-kawża odjern, tiġi hawnhekk ribadita l-enunċjazzjoni li kienet saret fis-sentenza fl-ismijiet Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et*[4] *illi l-exceptio rei judicatae għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll għaliex interest rei pubblicae ut sit finis litiu. Sentenza illi għaddiet in ġudikat, jiġifieri ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma tajba u sewwa u tal-ħaqq – res judicata pro veDte habetur – jiġifieri l-*

[3] Appellata
[4] AK deċiża fil-5 ta' Novembru, 1934

*fundament tal-actio u tal-exceptio rei judicatae hija preskrizzjoni legali u għalhekk hija ta' strictissimae interpretationis.*

*L-eċċezzjoni tar-res iudicata għandha bħala s-sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibbiltà ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbiltà ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat.*[5]

*L-eċċezzjoni tal-ġudikat tmur lura għal żmien id-dritt Ruman li kien jabbraċċja r-regola li l-ġudikat jitqies li hu inkontestabbli biex ikun iggarantit li r-relazzjonijiet soċjali jiżvolġu b'mod paċifiku.*[6]

*...omissis...*

*Meta dawn il-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jiġu applikati għall-każ odjern, jirriżulta li s-sentenzi fuq ċitati wara li kienu ġew deċiżi fl-appell, ma kinitx saret talba mill-attriċi biex dawn il-kawżi ssir ir-ritrattazzjoni tagħhom quddiem l-istess Qorti tal-Appell u għalhekk saru irrevokabbli u għaddew in ġudikat.*

Fid-dawl ta' dak hawn fuq riportat, isegwi illi galadarba din il-Qorti qed tiddeciedi illi d-decizjoni ta' divorzju moghtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2012 fil-kawza numru 145/12AL hija sentenza, u galadarba huwa pacifiku illi l-mezz ghad-disposizzjoni tal-attur odjern sabiex jimpunja sentenza kien l-appell jew, f'kazijiet eccezzjonali, r-ritrattazzjoni, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-azzjoni attrici hija irritwali u nulla.

Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta timmeD li tigi akkolta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara l-azzjoni attrici bhala irritwali u nulla.

2. Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

---

5 Ara s-sentenza fl-ismijiet *Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et* deċiża fil-25 ta' Settembru, 2003 (PA (JRM))

6 Diritto Processuale Civile – Edizioni Simone (III Edizione, p. 286) – *"Il problema era già avvertito in diritto romano, il quale accolse la regola che il bene giudicato diventa incontestabile, al fine di garantire il pacific svolgimento dei rapporti sociali".*

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**